MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 215/2005

**A u B**

**-vs-**

**C**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-atturi premettew:

Illi l-attrici A hi legalment separata minn mar-ragel taghha C b'kuntratt pubbliku tas-26 ta' Lulju, 2004;

Illi fil-5 ta' Jannar, 2005 l-attrici weldet tarbija w cioe tifla li nghatat l-isem 'Z' u dan skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness bin-numru progressiv 227/2005: Dok. 'A';

Illi fl-imsemmi certifikat, l-isem tal-missier tat-tarbija huwa moghti bhala C.

Illi fil-fatt l-missier naturali tat-tarbija/minuri hu l-attur B.

Illi hemm lok, ghalhekk biex c-certifikat tat-twelid imsemmija minuri 'Z' bil-kunjom C ghandu jigi emendat fis-sens illi l-paternita tal-istess minuri ghandu jigi korrett billi jirrispekkja w tikkonforma mal-fatt illi l-isem C jigi sostitwit bl-isem tal-attur B bhala l-missier naturali tat-tarbija 'Z' kif ukoll jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet l-ohra konsegwenti;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-missier naturali tat-tarbija bl-isem 'Z' bint l-istess A huwa B;

2. Tordna, ghalhekk, l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri 'Z' li fil-present ghandha il-kunjom 'C' li ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'B' bint 'C' fic-certifikat tat-twelid: bin-numru progressiv: 227/2005 u b'hekk ikun qed jigi rispekkjat fedelment dak indikat fl-ewwel talba kif ukoll b'dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti wkoll fuq ir-rizultanzi;

3. Previa jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha, okkorrendo bl-opera ta' periti teknici, u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-artikolu 70 tal-Kap. 16, illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddecidi illi l-imsemmija minuri 'Z' ma hijiex it-tifla naturali tal-konvenut C imma tal-attur Bu li jsiru l-korrezzjonijiet f'dan is-sens.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fl-14 ta’ Frar, 2006 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ghandhom jispecifikaw id-dettalji personali kollha ta’ B sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-
Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-17 ta’ April, 2006 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-esponent jirrileva illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem “*the said*” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-ammissjoni tal-konvenut C a fol 37 tal-process.

Rat l-attri processwali, u senjatament l-affidavits ta’ l-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta u registrata bhala bint ir-ragel ta’ l-attrici u minnu separata bhala ta’ l-attur; il-konvenut ammetta u l-kuraturi baqghu mhux edotti bil-fatti.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deciza fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f’dak iz-zmien ma kellhiex x’taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti .. irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost ohrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma’ dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f’dan il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba ta’ l-attur u anke f’dan il-kaz hemm ammissjoni. Mill-provi jirrizulta li t-tarbija twieldet hames xhur **wara** li gie pubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut u wiehed jista’ jiddeduci li l-problemi matrimonjali bejnithom anke fid-dawl tad-deposizzjoni tal-atturi kien bdew sew qabel.

Rigward l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-Artikolu 254 japplika ghall-korrezjonijiet li jsiru skond il-procedura indikata fl-artikolu precedenti u mhux f'kawzi simili. Ikun tajjeb pero' li tigi segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 256 li ser tigi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obbligat li jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi zmien ghaxart ijiem li jigi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess. Ghandu ragun id-Direttur pero' jghid li l-kliem *the said* ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif ta' l-omm.

**Ghaldaqstant il-Qorti fl-amissjoni tal-konvenut;**

**1. tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri Z;**

***2.*** **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jirregistra l-korrezzjonijiet necessarju (kompriz dak indikat fl-eccezzjoni ultejuri tieghu) fl-att tat-twelid numru 227 tal-2005 billi jigu mnizzla l-konnotati tal-attur minflok dawk tal-konvenut C u dan fi zmien ghaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jigi notifikat mill-attur bil-konnotati tieghu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjes jithallsu mill-atturi solidalment bejnithom.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------